**L-immigrazzjoni irregolari bhala ballun**

B`xorti hazina innotajt dan l-ahhar fil-kitba tal-kelliem ewlieni dwar l-Intern ta` l-Opposizzjoni, attitudini xi ftit propagandistika dwar il-kwestjoni ta` l-immigranti irregolari; jiena nifhem illi il-wasliet ta` mijiet ta` immigranti fuq xtutna joholqu ferment fost il-popolazzjoni; izda din ma hiex skuza sabiex wiehed ighabbi il-kwestjoni ta` l-immigrazzjoni fuq il-karru politiku.

Dan l-ahhar sfortunatament qed ninnota fil-gurnali ta` l-opposizzjoni attitudini dwar das-suggett xejn konducenti ghal interess nazzjonali. Ipingu il-Gvern bhala nieqes minn inizjattivi jew li ma hux ``assertiv`` fil-qasam internazzjonali; jitkazaw illi ghadu ma ntlahaqx ftehim bejn Malta u l-Libja dwar ir-ripatriju ta` immigranti irregolari; u ighidu li l-immigranti ghandhom imorru lura minn fejn gew…insew illi meta il-Gvern ghamel hekk fl-2002 talbu inkjesta!!

Fl-immigrazzjoni irregolari ma hemmx soluzzjonijiet facli. Fuq il-qasam ta` negozjati mal-Libja dawn ilhom ghaddejin is-snin; sar xi progress, izda zgur ma hux it-tort ta` Malta illi dal-ftehim ma intlahaqx; il-Libja stess permezz ta` l-ambaxxatur taghha qalet illi hija ghandha problema mhux zghira ta` immigranti; u ahna naqblu ma` dan; izda kulma qed nitolbu hu illi il-Libja tghinna fir-ripatriju ta` immigranti; hu kalkolat illi `il fuq minn 4000 immigrant ghaddew minn Malta u nofshom ghadhom hawn min f`detenzjoni u min f`centri miftuha , f`dawn l-ahhar tliet snin; kulma qed nitolbu hu li l-Libja anki fuq bazi ``ad hoc``, tircievi lura numru ta` immigranti. B`dan il-mod turi solidarjeta` ma pajjiz zghir li qed jiffaccja problema kbira. Flok jitkazaw bina, mhux ahjar illi l-Opposizjzjoni issostni il-posizzjoni tal-Gvern Malti fil-konfront tal-Libja?

L-istess dwar illi `nibaghtuhom lura minn fejn gew``; l-ewwelnett din hi posizzjoni demagogika; Li tibghat l-immigranti lura f`pajjizhom ma hux facli meta gejjin minn 33 pajjiz differenti; biex tikseb id-dokumenti hu kwazi impossibbli; barra il-probelma ta`` titjiriet u l-ipprocessar ta` l-applikazzjonijiet taghhom ghal status ta` rifugjat.

Kienet ukoll ingusta il-kritika ta` l-Opposizzjoni fil-konfront tal-Gvern dwar il-Konferenza Nazjzjonali; din il-Konferenza Nazzjonali giet organizzata mil-Gvern, u dahhalna l-opposizzjoni fl-organisazzjoni taghha; kelli diversi laqghat ma` l-Opposizzjoni; iddisjpacini illi l-kelliem ewlieni ghogbu jaghti l-interpretazzjoni tieghu ta` konversazzjonijiet privati li kellna ; il-fatt illi il-Gvern qabel illi Martin Scicluna ihejji Relazzjoni ghall-Konferenza issa ukoll sar att ta` akkuza kontra il-Gvern!! Li kieku il-Gvern ma riedx lis-Sur Scicluna kien jopponi ghalih; il-Gvern qatt ma oppona ghall-hatra tieghu ghalkemm saru proposti ta` ismijiet ohrajn; meta is-Sur Scicluna talab hu stess illi ikompli ighin wara il-Konferenza f`ittra li kiteb lili, il-Gvern hatru bhala konsulent tieghu;

L-istess kienet ingusta il-kritika dwar ghaliex Malta ma gietx mistiedna ghal laqgha informali li ghamlu il-hames pajjzi il-kbar fl-U.E. Nghidha minn quddiem

jiena niddejjaq illi fl-Unjoni Ewropeja ikun hemm grupp ta` pajjizi li fuq bazi biss ta` daqs jiltaqghu bejniethom; ma huma qed jiksru ebda ligi imma qed imorru kontra l-ispirtu ta` minn waqqaf l-Unjoni Ewropeja. Izda li issa jehel il-Gvern Malti ghaliex ma giex mistieden ghal laqgha bejn il-kbar, meta ghoxrin pajjiz iehor, fosthom il-Polonja b`40 miljun ruh . ma gewx mistiedna lanqas, hija kbira wisq.

Il-Gvern qieghed hemm biex jiggverna; ghalhekk ser iwaqqaf servizz ta` detenzjoni sabiex il-ko-ordinazzjoni bejn Pulizija u Armata tkun taht kmand wiehed; bil-kemm kien ghadu inhatar, fuq rikjesta tal-Forzi Armati, il-persuna biex tmexxi, illi bdew l-attakki ingusti kontra il-hatra ta` dil-persuna.

Jekk irridu li jkollna politika serja dwar das-suggett, dad-deni tas-sajf irid ighaddi; sadanittant bil-kritika kontrih li ma hu qed jaghmel xejn, kien il-Gvern li hareg bil-politika tieghu dwar l-immgrazzjoni regolari; hafna mill-*ngo`s* ghamlu l-istess; l-opposizzjoni messha tohrog hi wkoll bil-politika taghha dwar l-immigrazzjoni u mhux toqghod gallerija u kultant titfa` gebla jew zrara skond ic-ciskostanza lil hawn u l` hemm.

Il-Gvern minkejja dawn il-provokazzjonijiet sejjer ikompli jimxi b`pacenzja u ghaqal fuq il-front lokali u dak internazzjonali; dan se jaghmlu b`fermezza; u kif ghidna kemm jien kif ukoll siehbi Michael Frendo, ahna se niddefendu l-interessi ta` pajjizna u ta` hadd iktar, u se naraw illi il-kuxjenza dwar dil-problema ma tmajna qatt fl-Ewropa u lil hinn minnha.

TONIO BORG